Kunsill Reġjun Punent
Ċentru Kristu Raġħaj, It-3 Sular, Is-Seminarju tal-Arċisqof, Triq tal-Virtu, Rabat, Malta
E | Reġjun-punent.dlg@gov.mt T | 22266602

L-Ewwel Leġislatura Reġjun Punent

Minuti Numru **66**

Laqgħa tar-Reġjun Punent

Il-Kunsill Reġjonali Punent iltaqa' nhar It-Tlieta il-25 ta' Lulju, 2026 fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz **Ċentru Kristu Raġħaj, 3rd Floor, The Archbishop's Seminary, Rabat** fil-17:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI FIL-BINI AMMINISTRATTIV:

President:	Is-Sur Sandro Azzopardi
Il-Qrendi:	Il-Viċi President is-Sur David Michael Schembri
L-Imdina:	Is-Sindku s-Sur Peter Sant Manduca
	Il-Kunsilliera Maryanne Sultana
Ħaż-Żebbuġ:	Il-Kunsillier is-Sur Mario Attard
Is-Siġġiewi:	I s - Sindku s-Sur Ryan Cachia
Ħad-Dingli:	Is-Sindku is-Sur Raymond Schembri
Ħal Kirkop:	Is-Sindku s-Sur Matthew Agius Zammit
L-Imqabba	Il-Viċi Sindku is-Sur Jonathan Dingli
Ħal Safi	Is-Sindku is-Sur Johan Mula
Iż-Żurrieq:	Is-Sindku is-Sa Rita Grima
	Il-Kunsilliera is-Sa Marisa D'Amato

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Rabat:	Is-Sindku s-Sur Alexander Craus

President: Sandro Azzopardi **Viċi President:** David Schembri (Qrendi)
Sindki Membri: Peter J. Dei Conti Sant Manduca (Mdina), Steve Zammit Lupi (Ħaż- Żebbuġ), Julian Borg (Siġġiewi), Raymond Schembri (Ħad-Dingli), Matthew Agius Zmmit (Ħal Kirkop), Grace Marie Zerafa (Mqabba), Alexander Craus (Rabat), Johan Mula (Ħal Safi), Rita Grima (Żurrieq).

Segretarju Eżekuttiv: Tania Farrugia

Il-laqgħa ġiet ippreseduta mill-President Sandro Azzopardi u nfetħet fil-17:30 ta' filgħaxija. Saret minuta ta' silenzju b'sinjal ta' rispett għat-telfa ta' Kunsillier tar-Rabat, is-Sur Nazju Cassar

66.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Ir-Reġjun Punent irċieva ittri t'apoloġija Skont Ordni Permanenti 14A (3) mingħand is-Sindku tar-Rabat, is-Sur Sandro Craus.

66.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 65

Il-President ressaq għal approvazzjoni l-Minuti tal-Laqgħa numru 65 li saret nhar it-30 ta' Lulju 2026.

Sekondant: is-Sindku ta' Ħad-Dingli, is-Sur Raymond Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament

66.03 Punti mqajjma mill-Minuti

66.04 Kommunikazzjoni mill-President

66.04.01 Nhar it-30.07.26 id-DLG għaddewlna komunikat mill-ministeru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, fir-rigward tal-Premju għall-Impatt fuq il-Komunità bħala parti mill-Premjijiet għall-Azzjoni dwar l-Iżvilupp Sostenibbli 2026.

66.04.02 Nhar il-31.07.26 irċivejna mid-DLG dwar il-proċedura li għandha tiġi segwita kull meta tkun meħtieġa l-approvazzjoni tas-Segretarju Permanenti għal kwistjonijiet relatati ma' fondi tal-Unjoni Ewropea u/jew fondi internazzjonali oħra.

66.04.03 Nhar it-03.08.26 is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lis-Sindki kif ukoll il-kunsilliera responsabbli mill-kultura li fil-laqgħa tar-Reġjun Punent ser ikun hemm ħin iddedikat sabiex jiġi diskuss l-ewwel draft tal-programm tar-Reġjun tal-Kultura 2027.

66.04.04 Nhar it-03.08.26 irċivejna mis-Sur Fluer li introduċa Qompost, sistema innovattiva li topera fuq il-post stess u li tikkonverti l-iskart tal-ikel f'kompost ta' valur fi żmien madwar 24 siegħa. Minflok sempliċiment ineħħi problema, Qompost joħloq riżorsa – kompost niexef u li jista' jerġa' jintuża, li jista' jiġi integrat lura fiċ-ċiklu naturali u potenzjalment jintuża biex jappoġġja żoni ħodor fil-kommunitajiet tagħna.

66.04.05 Nhar it-03.08.26 irċivejna mis-Sa Battaglia ,minn PJ Consulting li qed jiżviluppaw proposta ta' proġett taħt il-kappa ta' Interreg Euro-MED Programme. Il-proġett indirizzat lejn pajjiżi Mediterranji sabiex jagħmlu is-settur tat-turiżmu, kulturali u tas-snajja' iktar sostenibbli u effiċjenti. Staqsew jekk ir-Reġjun Punent huwiex interessat jkun parti minn dan il-proġett.

66.04.06 Nhar l-04.08.26 il-PS Vassallo infurmana li talab sabiex s-servizz ta' ħasil tat-toroq fil-Belt Mdina isir matul il-lejl mill-aktar fis possibli.

66.04.07 Nhar l-04.08.26 irċivejna Ċir AKL 2026/056_POWERYOUTH Call For Participants li ser issir bejn l-14-15 t'Ottubru 2026.

66.04.08 Nhar l-04.08.26 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej talbet lis-Sa Battaglia sabiex tibgħatilna il-concept note dwar il-proġett sabiex bħala Reġjun inkunu nistgħu nevalwaw jekk inkunux nistgħu nikkontribwixxu bħala imsieħba.

66.04.09 Nhar il-05.08.26 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat li il-Kunsill Malti għall-Arti qed joffri programm ta' taħriġ speċjalizzat bla ħlas, kofinanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew Plus (ESF+), immirat biex isaħħaħ il-ħiliet u l-kapaċitajiet tas-settur kulturali u kreattiv f'Malta. It-taħriġ iwassal ukoll għal ċertifikazzjoni akkreditata mill-MCAST għal dawk li jipparteċipaw.

66.04.10 Nhar il-05.08.26 ġejna infurmat mis-Sa Azzopradi li bħala parti mill-monitoraġġ kontinwu tad-Diviżjoni dwar il-pożizzjoni finanzjarja u s-sostenibbiltà tal-Kunsilli Reġjonali, talbu sabiex nipprovdulhom aġġornament dwar il-prestazzjoni finanzjarja tas-servizz tal-immaniġġjar tal-iskart għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2026 sat-30 ta' Ġunju 2026.

66.04.11 Nhar il-05.08.26 irċivejna mingħand PJ Consulting il-concept note tal-proġett u talbuna sabiex ninfurmawhom kif ir-Reġjun Punent jista' jikkontribwixxi bl-aħjar mod u liema rwol ikun l-aktar adattat fid-dawl tal-kompetenza u l-esperjenza tagħna.

66.04.12 Nhar is-06.08.26 il-President ġie mistieden għal konferenza nazzjonali, l-Istat tan-Nazzjoni ġewwa il-Palazz Verdala.

66.04.13 Nhar is-07.06.26 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat li r-Reġjun Punent hu interessat li jingħaqad partner għal proġett CRAFT-MED.

66.04.14 Nhar l-10.08.26 il-Maniġer tal-Iskart bagħat il-lista tal-hotspots għax-xahar t' Awwissu.

66.04.15 Nhar l-10.08.26 irċivejna tfakkira - SPI/SCI/06/2026 - Finanzjament - Karnival 2027. L-għeluq ta' din l-iskema hija nhar it-28.08.26.

66.04.16 Nhar l-10.08.26 saret laqgħa online bit-tħejjija għat-tender il-ġdid tal-iskart mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Għaliha attendew is-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll il-Maniġer tal-Iskart.

66.04.17 Nhar l-10.08.26 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali qed tniedi workshop b'xejn fil-fuħħar għall-individwi li jagħmlu xogħol bħala youth workers, youth leaders, edukaturi jew xogħol maż-żgħażagħ. Dan il-workshop qed jiġi organizzat bħala parti minn proġett Erasmus+ u ser joffri esperjenza kreattiva u prattika, bil-għan li l-parteċipanti jiksbu ideat u ispirazzjoni ġodda li jistgħu jużaw fil-ħidma tagħhom mat-tfal u ż-żgħażagħ.

66.04.18 Nhar l-10.08.26 irċivejna SPI/SCI/02/2026 – Finanzjament - Lokalitajiet aktar nodfa. Ġejna infurmati li it-talba ġiet aċċettata.

66.04.19 Nhar il-11.08.26 irċivejna statistika b'rabta mal-iskeda tal-ġbir tal-iskart u s-separazzjoni obbligatorja tal-iskart (it-Tieni Kwart).

66.04.20 Nhar il-11.08.26 irċivejna invit għall-Imsieħba tas-Settur tal-Gvern Lokali - Tnedija tal-Programm ta' Taħriġ.

66.04.21 Nhar il-11.08.26 irċivejna SPI/SCI/07/2026- Finanzjament Attivitajiet Kulturali Annwali 2027.

66.04.22 Nhar il-11.08.26 irċivejna Cir AKL 2026/052_Well Being Project: LCA. Sessjonijiet li se jiġu mtellgħin b'kollaborazzjoni mal-Aġenzija Sedqa u li se jkunu qed jiġu organizzati nhar id-09.09.26 u nhar il-11.09.26.

66.04.23 Nhar it-12.08.26 irċivejna mill-Ewropa Kreattiva talbiet għal msieħba relatati mas-Sejħa għall-Kooperazzjoni Ewropea.

66.04.24 Nhar it-12.08.26 irċivejna mill-LovinMalta sabiex inkunu nistgħu niddiskutu il-pjanijiet għas-sena id-dieħla.

66.04.25 Nhar it-12.08.26 irċivejna Cir AKL 2026/057_LCA & IDEA Academy - Courses Sponsorship.

66.04.26 Nhar l-14.08.26 irċivejna Cir AKL/Regjuni 009/2026_Stedina – Konferenza Internazzjonali dwar it-Tibdil fil-Klima, il-Parteċipazzjoni u l-Fiduċja.

66.04.27 Nhar l-14.08.26 is-Segretarju Eżekuttiv tas-Siġġiewi talbet għal aġġornament dwar is-sitwazzjoni tas-sospensjoni tas-servizz tal-ġbir ta' ħwejjeġ użati.

66.04.28 Nhar l-14.08.26 il-Maniġer tal-Iskart informa lis-sindki dwar konsultazzjoni li qed jagħmel fuq it-tender il-ġdid tal-iskart. L-istħarriġ jiffoka prinċipalment fuq l-iskedi tal-ġbir, ir-rekwiżiti tal-vetturi u tal-aċċess, l-arranġamenti tal-festi tar-raħal, u l-mekkaniżmi ta' riżerva għal ġbir mitluf jew interruzzjonijiet tas-servizz u talab li dan jimtela ukoll mill-kunsilliera u ħaddiema tal-Kunsill sabiex kulħadd jkollu iċ-ċans jwassal l-opinjoni tiegħu.

66.04.29 Nhar is-17.08.26 irċivejna mill-ERA li l-applikazzjoni sottomessa taħt is-sejħa CPDP tal-Fond għall-Ambjent, ġiet evalwata u magħżula għall-finanzjament.

66.04.30 Nhar it-18.08.26 il-President irċieva stedina mir-Reġjun Lvant għall-inawgurazzjoni tal-Isfera Armillari, iffinanzjata permezz tal-Fond Komunitarju

Nazzjonali ESPLORA STEM taħt il-proġett intitolat "*Cosmic Connections: Bridging Communities through Astronomy*."

66.04.31 Nhar it-18.08.26 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat lis-Sindki kif ukoll lis-Segretarji Eżekuttivi li fil-ktejjeb t'informazzjoni dwar ir-Reġjun, se tiġi inkluża ukoll lista t'attivitajiet organizzati mill- Kunsill Lokali .

66.04.32 Nhar it-18.08.26 irċivejna ir-raba edizzjoni tal-Urban Newsletter.

66.04.33 Nhar id-19.08.26 irċivejna Cir AKL 2026/058_Erasmus+ Green Narratives: Rethinking Sustainability Through Human Stories.

66.04.34 Nhar id-19.08.26 irċivejna kopja tal-kuntratt tal-iskart organiku bejn il-Wasteserv u r-Reġjun Punent.

66.04.35 Nhar id-19.08.26 il-Maniġer tal-Iskart bagħat statistika aġġornata għal-ewwel u t-tieni kwart dwar ittri ta' twissija u multi maħruġa mill-ERA.

66.04.36 Nhar id-19.08.26 irċivejna Cir AKL 2026/059_Request to illuminate prominent buildings and landmarks in rainbow for Pride Week 2026.

66.04.37 Nhar l-20.08.26 irċivejna kommunikat mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar Sessjoni ta' Informazzjoni u Tħejjija għall-Proċess ta' Evalwazzjoni bħala parti mill-proċess tal-EloGE.

66.04.38 Nhar l-24.08.26 ġejna infurmati li d-data għal-ewwel laqgħa tal-proġett National Adaptation Hub ġiet posposta u d-data l-ġdida hija fl-10.09.26.

66.04.39 Nhar l-24.08.26 irċivejna Cir AKL 2026/060_EkoSkola - Green Flag Award Ceremony Towards 2050: Our Ideas. Our Commitment. Our Actions. 12.11.2026.

66.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet

66.06 Tqegħid ta' Dokumenti/ Rapporti

66.07 Approvazzjoni ta' Xiri

66.07.01 Kwotazzjoni RFQ260/2026 – Request For Quotation for the Purchasing of laptops

Il-President informa li ntbagħtu erba' (4) inviti għal kwotazzjoni li minnhom

irċivejna żewġ (2) offerti. Il-President ippropona sabiex tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħad Dingli is-Sur Raymond Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament

66.07.02 Kwotazzjoni RFQ261/2026 – Request For Quotation for the Purchasing of laptops

Il-President informa li ntbagħtu erba' (4) inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċivejna żewġ (2) offerti. Il-President ippropona sabiex tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Il-Viċi Sindku tal-Imqabba is-Sur Jonathan Dingli
Il-Kunsill qabel unanimament

66.07.03 Kwotazzjoni RFQ262/2026 – Request For Quotation for the Purchasing of Flights

Il-President informa li ntbagħtu tliet (3) inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċivejna żewġ (2) offerti. Peress illi il-Viċi President, is-Sur David M. Schembri informana illi dawn il-biljetti ser jinxtraw minn naħa tas-Silk Road Alliance, din il-kwotazzjoni ma kienx hemm iktar bżonnha.

66.07.04 Kwotazzjoni RFQ263/2026 – Request For Quotation for the Provision of hiring a small-medium car

Il-President informa li ntbagħtu erba' (4) inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċivejna offerta waħda (1) biss. Il-President ippropona sabiex tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħad-Dingli is-Sur Raymond Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament

66.07.05 Kwotazzjoni RFQ264/2026 – Request For Quotation for the manufacturing of trellises

Il-President informa li ntbagħtu erba' (4) inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċivejna erba' (4) offerti. Kull Kunsill Lokali ser jkun jista jordna zewg (2) trellises li jiġu rifonduti mir-Reġjun bil-premessa li l-Kunsilli fir-Regjun jistgħu jissellfu l-istess trellises meta jkollhom bżonn u qabel Kunsilli Lokali oħra. F'kas ta' self barra r-Reġjun, l-Kunsill rispettiv ikun responsabbli mill-manutenzjoni tiegħu. Il-President ippropona sabiex tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħad-Dingli is-Sur Raymond Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament

66.08 Skeda tal-Pagamenti Nru.53

Il-President Sandro Azzopardi ressaq għall-approvazzjoni l-iskeda tal-Pagamenti Numru 53.

Proponent: Il-Kunsilliera tal-Imdina is-Sa Maryanne Sultana
Sekondant: Is-Sindku taż-Żurrieq is-Sa Rita Grima
Il-Kunsill qabel unanimament.

66.09 DPF Funds Rabat

Il-President ressaq għall-approvazzjoni applikazzjoni tal-Kunsill Lokali tar-Rabat, sabiex jkunu użati id-Development Planning Funds tal-PA sabiex isir xogħol ta' tibdil ta' dwal ġewwa ġnien il-Barnuża l-Ħamra fil-Baħrija ir-Rabat.

Sekondant: Il-Viċi Sindku tal-Imqabba is-Sur Jonathan Dingli
Il-Kunsill qabel unanimament.

66.10 Approvazzjoni Cultural Programme and Communications Coordinator

Il-President ressaq għall-approvazzjoni ir-rakkomandazzjoni tal-bord sabiex is-Sa CG tintgħażel bħalha l-persuna li ser tkun qed isservi bħalha Cultural Programme and Communications Coordinator matul is-sena tar-Reġjun tal-Kultura wara intervisti li saru nhar il-11.08.2026. Bi qbil mill-maġġoranza tas-Sindki l-membru tal-bord CX, kellu jinbidel minħabba li kien indipsost. Bi qbil kien innominat il-membru CC.

Is-Sindku Rita Grima iddikjarat kunflitt ta' interess u ħarġet mill-kamra.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħad Dingli, is-Sur Raymond Schembri.
Il-Kunsill qabel unanimament.

66.11 Programm – Regjun Kultura 2027

Wara preżentazzjoni dettaljata mill-Maniġer tal-Kultura tal-ewwel draft tal-programm għas-sena tar-Reġjun tal-Kultura 2027, il-President ressqu għall-approvazzjoni u ħeġġeġ lis-Sindki u Kunsilliera repsonsabbli mil-kultura sabiex jiġu b'aktar idejat u flimkien nippjanaw dan il-kalendarju kulturali.

Sekondant: Is-Sindku ta' Siggiewi is-Sur Ryan Cachia
Il-Kunsill qabel unanimament

66.12 Materji Oħra

66.12.01 Xiri ta' CCTV

Il-President ippropona illi tinxtara solar powered CCTV camera oħra skond il-framework agreement sabiex tiġi indirizzata problema ta' rimi ta'skart illegali.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Kirkop is-Sur Matthew Agius Zammit
Il-Kunsill qabel unanimament.

66.13 Tmiem il-laqgħa

Il-laqgħa ntemmet fis-20.00 u l-President informa li l-laqgħa għas-seduta li jmiss ser tinżamm nhar **l-Ħamis t' 24 ta' Settembru 2026 fil-17:00.**

Sandro Azzopardi
President Reġjun Punent

Tania Farrugia
Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati llum